# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**ONOR. JOSEPH SAID PULLICINO, B.A., LL.D. – PRESIDENT**

**Seduta ta’ nhar il-Gimgha 28 ta’ Dicembru, 2001**

**Numru 1**

**Avviz Nru. 120B/98 SM**

**Anthony Baldacchino u Margaret Cassar**

**vs**

**Carmelo sive Charles Caruana**

**<u>Is-sentenza appellata</u>**

Fid-9 ta’ Mejju, 2000, il-Bord li Jirregola l-Kera ippronunzja s-segwenti sentenza fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi li biha r-rikorrenti appellanti talbu li jirriprendu l-pussess ta’ garaxx mikri lill-intimat appellat.

“Il-Bord,

Ra r-rikors fejn l-esponenti wara li qalu li:

1. huma jikru lill-intimat il-garaxx bla isem, maghruf bhala “Libya Garage” li jinsab fi Bir id-Deheb, Ghaxaq, versu l-kera ta’

sittin lira Maltija (LM60) fis-sena li jithallas kull tlett xhur bil-quddiem (16/6 l-ahhar skadenza);

2. huma jixtiequ jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi garaxx.

Talbu li jigu awtorizzati ma jgeddux aktar il-kera tal-garage fuq imsemmi, u jirriprendu l-pussess ta' l-istess u konsegwentement jigi ffissat zmien qasir u perentorju sabiex l-intimat jizgombra.

Ra r-risposta ta' l-intimat li qal li:

1. preliminarjament r-rikors huwa rritu u null peress li qed jigi pprezentat minghajr ebda kawzali;

2. fit-tieni lok il-fond mikri lill-intimat hu hanut tax-xoghol tan-negozju tieghu billi fil-fond huwa jiggaraxxa l-vettura tieghu Y-763 karozza tal-linja, u fl-istess fond huwa jiehu kura ta' l-istess vettura u jzomm il-partijiet u l-ghodda konness max-xoghol tieghu;

3. illi l-fond imsemmi, l-garaxx imsejjah "Libya Garage" fi Triq Birzebbugia, f'Bir id-Deheb u s-sors tad-dhul ta' l-ghixien ta' l-esponenti u jekk jitilfu jkun ta' pregudizzju kbir ghalih; salvi eccezzjonijiet ohra;

Sema' x-xhieda bil-gurament, ra d-dokumenti esebiti, ra l-atti u n-noti ta' osservazzjonijiet tal-partijiet.

Ra l-verbal tat-8 ta' Frar, 2000.

Ikkunsidra:

1. Illi l-intimat qed jeccepixxi li r-rikors hu rritu u null billi ma fih l-ebda kawzali. Fir-rikors jinghad mir-rikorrenti "li jixtiequ jirriprendu l-pussess ta' l-imsemmi garaxx". Illi ghalkemm din "il-kawzali" mhux cara il-Bord jifhem li bil-kelma "jixtiequ" huma qed jifhmu li ghandhom "bzonn" il-garaxx. Huwa car min-noti ta' sottomissjonijiet li l-partijiet ukoll fehmu hekk qabel is-seduta ta' l-4 ta' Novembru, 1998. Ghalhekk il-Bord qed jichad l-eccezzjoni.

2. Illi mix-xhieda jirrizulta li r-rikorrenti wirtu l-garage minghand il-genituri taghhom. L-ewwel kien mikri lil missier l-intimat Andrea Caruana minn missier ir-rikorrenti. Wara l-kirja ghaddiet f'idejn l-intimat.

3. Illi dan il-garaxx inkera biex tinzamm karozza jew jinzammu karozzi tal-linja. Ir-rikorrent fix-xhieda tieghu jghid:

"Fil-garaxx li kont nara, li kont nara jien il-karozzi tal-linja jew forsi kien idahhal il-karozza tieghu sakemm ikun ghax-xoghol....".

Jaf li missier l-intimat kellu karozza tal-linja u kien sewwieq. L-intimat kien isuq karozzi tal-linja imma llum m'ghadux jahdem minhabba li rtira mix-xoghol.

4. Illi r-rikorrenti Cassar tikkonferma li l-garage inkera biex tinzamm/jinzamm, karozza/karozzi tal-linja. L-intimat ghadu jdahhal fih karozza tal-linja.

5. Illi l-intimat jghid li ghandu l-vettura FBY763 u esebixxa dokument ta' registrazzjoni validu sa Gunju, 2000. Hu waqaf mix-xoghol tas-sewqan minhabba sahhtu u l-vettura tinstaq minn ibnu.

6. Illi l-kontestazzjoni bejn il-partijiet hi garaxx fejn tinzamm karozza tal-linja, jew karozzi tal-linji, hux 'hanur' skond it-tifsira moghtija mill-Kap 69. Hekk hu 'hanut' il-fond ma jistax jintalab lura minhabba 'bzonn' tas-sid.

7. Illi fis-sentenza fl-ismijiet 'Briffa vs Duca', (23/1/50 Koll Vol XXXIV – 1 – 15) l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell qalet li:

"biex garage jista' jissejjah fond kummercjali hemm bzonn li huwa jkun licenzjat bhala tali bil-permess tal-pulizija, u mhux bizzejjed li wiehed izomm fih karozza tal-kiri, anki kieku stess din il-vettura kienet char-a-banc".

8. Illi fis-sentenza fl-ismijiet "Fenech vs. Spiteri", (2/12/44) Koll Vol. XXXII-1-429) l-istess Qorti qalet li:

"mill-kumpless tal-provi rrizulta li l-garage ma kienx mikri principalment bhala post ghan-negozju, izda biss bhala garage biex l-appellant izomm go fih char-a-banc u van, li allura kellu. Huwa veru li ma' dawn il-karozzi l-appellant kien izomm fil-garage anki xi "spare parts", izda b'daqshekk ma jistax jinghad li gie konvertit f'post ta' negozju jew mahzen, fis-sens li trid il-ligi. L-istess appellant fix-xhieda tieghu ammetta li qatt ma talab u qatt ma kellu licenzja tal-pulizija biex f'dak il-garage jezercita n-negozju tieghu ta' bejgh ta' spare parts. Ghalhekk dina l-Qorti

taqbel mas-sentenza li minnha hemm appell, li l-garage fuq imsemmi ma jistax jissejjah “hanut”.

9. Illi fis-sentenza “Seychell vs Savona” (13/3/40 Kol. XXXIV-I-89) il-Qorti ta’ l-Appell qalet li:

“Skond l-art 2 tal-Kap 109 (illum Kap 69) tal-Ligijiet ta’ Malta, il-kelma “hanut” tfisser fond mikri principalment ghall-bejgh ta’ oggetti jew merkanzija, bl-ingrossa jew bl-imnut, post is-suq, mahzen u fond bil-licenzja ghall-bejgh ta’ nbejjed u spirti jew hwejjeg ta’ ikel jew ta’ xorb, sala ta’ cine, jew fond iehor principalment mikri ghal xi arti jew sengha”. Fl-edizzjoni riveduta hemm zball evidenti fit-test Malti, li ma jaqbilx mat-test Ingliz fejn jinghadu l-kliem “premises principally leased for the exercise etc. u tabilhaqq il-kelma “uzat” kienet giet mibdula fil-kelma ‘mikri’ meta saret l-emenda tal-ligi bl-Ordinanza XXIV ta’ l-1937. Barra minn dan, f’konflitt tat-testi l-Ingliz jirbah skond il-kostituzzjoni.

Fil-kaz prezenti, apparti l-kwistjoni ta’ l-iskop principali li ghalih ir-remissa giet mikrija lill-appellant originarjament, huwa fatt li f’dik il-premissa l-appellant mhux juza r-remissa la biex ibiegh fiha u lanqas biex fiha jezercita ebda sengha jew arti. U tabilhaqq irrizulta li l-appellant ghamel izjed minn disa’ xhur ma jersaq lejn dak il-post. U la darba huwa hekk ..........dik ir-remissa mhix hanut fis-sens tal-ligi”.

10. Illi fil-kawza “Pearce vs Aquilina” (mhux pubblikata, 15/2/57) garage fejn jinzamm truck jew karozza privata ghan-negozju ta’ wholesaler ma giex kunsidrat bhala hanut.

11. Illi intqal li post fejn tinzamm ‘motor hearse’ u ‘motor car’ ghall-funerali u minn fejn il-kerrej kien ifittex ix-xoghol meta jkun jaf b’xi mewt u hemm in-nies tfittxu kien ‘hanut’. F’dak il-post il-kerrej kien joqghod u jorqod biex jircievi ordnijiet, kellu telephone u fid-direttorju kien jidher ix-xoghol. Il-hanut kien bazi ghall-attivita’ tal-kerrej. (Cassar vs Mercieca, 23/6/61; mhux pubblikata). L-istess, dwar garage fejn tinzamm karozza li tintuza ghan-negozju minkejja li l-licenzja tal-pulizija kienet fuq garage iehor li kien il-garage principali (Mamo vs Fenech, 20/4/64 mhux pubblikata).

12. Illi post fejn kien jitqieghed van li kien jintuza ghall-bjegh tal-pastizzi ma giex mitqies bhala fond kummercjali ghax ma kienx hemm “dik l-accessorjeta’ necessarja bejn l-uzu tal-garage u n-negozju ta’ l-appellat li giet ikkunsidrata bhala li tista’ tirrendi dak

l-uzu parti minn dak in-negozju u talment inseparabbli minnu li jifforma terga' wahda mieghu. (Cauchi vs Sciberras, 25/3/68).

13. Illi l-hajja fiha hafna lwien. Ma jonqosx ghalhekk il-hut. Fond fejn tigi ezercitata l-arti u s-sengha tas-sajd billi jitqeghdu dghajjes adebiti ghas-sajd, jitqieghdu l-ordnijiet tas-sajd u jissewwew in-nases hu "hanut" (Albanese vs Schembri, 20/7/70 li qablet ma' Gatt vs. Spiteri – XXXIX – I – 241 u kkritikat bl-ahrax Cassar vs. Muscat – XXXIX – 1 – 200) Ghar li sajjied juzah 'di sento' ghall-mestjir tieghu u minn fejn gie li anke biegh il-hut, ghalkemm normalment imur ibiegh fit-triqat gie konsidrat bhala "hanut" (Cassar vs Meilak 23/3/55). L-istess fond fejn jitqieghed il-hut qabel ma jittiehed il-pixkerija (Debono vs. Galea, 2/3/64). Izda fond fejn jinzamm oggetti li ghandhom x'jaqsmu mas-sajd bhala nases, hbula, imqadef, konzijiet minn tnejn min-nies li huma dilettanti tas-sajd u m'ghandhomx ix-xoghol tas-sajd ma giex klassifikat bhala hanut (Aquilina vs Sammut 13/4/94).

14. Illi gie diversi drabi ritenut li fond mikri ghand persuna li ghandha sena u li gie mikri lilha biex fih tpoggi l-ghodda tal-mistjer taghha u li fil-fatt ikun adebit ghal dak l-uzu, huwa protett mil-ligi bhala hanut". (Albanozzo vs Spiteri 31/5/57, XLI-372, Caruana vs Bugeja 8/2/57 mhux pubblikata, Agius vs Xuereb 31/5/57, Vol XLI – 1 – 379).

15. Illi dwar il-licenzji l-Qorti ta' l-Appell, f'dan il-kuntest ippronunzjat ruhha hekk in re "Bezzina vs Rizzo 17.6.94, Koll Vol. LXXVIII – Pt. 2 – Sez 1 – p. 199).

"IL-Qorti tirrikonoxxi li prova determinata kienet bla dubbju temergi mill-fatti ta' jekk il-post de quo kellux licenzja (trading license) mill-Pulizija jew le. Licenzji f'dan is-sens ma jirrizultawx. B'danakollu m'ghandux bilfors ifisser li l-fond de quo qatt ma seta' jinkera bhala hanut mis-sid. Il-ftehim bejn is-sid u l-kerrej dwar il-generu ta-fond ma jiddependix mill-ezistenza o meno ta' 'trading licence' imma minn dak li intendew il-partijiet fil-mument tal-kirja ...............ir-relazzjoni li trid tigi mistharrga mill-Qorti hija dik ta' bejn is-sid u l-inkwilin u mhux dik bejn l-inkwilin u l-pulizija. L-ezistenza ta' licenzja f'isem persuna determinata sservi biex tiddetermina l-obbligu ta' dak il-persuna quddiem l-awtorita' kompetenti li tosserva r-regoli tal-ligi, izda ma tbiddilx ir-rapport patrimonjali jew kontrattwali li jkun jezisti bejn il-privati (ara wkoll Koll Vol XXIV – I – 1127 u Vol. XLV – I – 372)".

16. Fl-ahharnett il-Bord jaghmel riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell in re "Zerafa vs

Xerxen", 13/1/98) fejn gie stabbilit li fond destinat u fil-fatt uzat bhala 'driving school' kien "fond iehor principalment uzat ghal xi arti jew sengha".

"Ghall-fini tal-Kap 69 li jehtieg li jigi pruvat m'huwiex il-fatt illi l-inkwilin ikun jezercita xi sengha jew mestjer u li fil-kors ta' dan l-ezercizzju kien utilizza l-fond lilu mikri imma l-prova li l-fond ikun principalment qed jigi wzat. Ghal dan il-fini u ghalhekk illi kien assolutament mehtieg li jigi stabbilit x'kienet id-destinazzjoni tal-fond u l-iskop li ghalih gie mikri".

17. Illi mix-xhieda jirrizzulta li l-fond in kwistjoni huwa kbir mhux hazin. Inkera lil missier l-intimat biex fih iqieghed karozza tal-linja. Qabel il-garage kien jintuza biex fih jidhlu karozzi privati. Ghal dak iz-zminijiet inkera tajjeb – kera kummercjali. F'xi zmien l-intimat kien idahhal zewg karozzi tal-linja. Billi tissemma karozza privata li l-intimat kien ihalli fil-fond waqt il-hin tax-xoghol bhala sewwieq, l-ghan principali tal-kirja kien ghall-uzu ta' karozza/karozzi tal-linja. L-intimat esebixxa dokument li juri li hu sewwieq ta' karozza tal-linja. "De proprio" il-Bord jaf li biex tinzamm karozza tal-linja gewwa fond ma hi mehtiega bil-ligi l-ebda licenzja fuq il-post. Izda l-licenzja li bniedem ikollu karozza tal-linja hi investiment li jqum sewwa kif tqum karozza tal-linja. Din ta' l-ahhar hi aktar minn semplici ghodda. Minghajrha sewwieq jigi qieghed jew ikollu jsieb xoghol iehor. Mhix pala jew qasba tas-sajd, kif lanqas hi karozza privata. Mhux soltu li karozzi tal-linja jithallew barra meta ma jkunux fuq il-venda.

20. Illi wara li fela l-gurisprudenza l-aktar ricenti u x-xhieda l-aktar dwar l-ghan tal-kirja, il-Bord jasal ghall-konkluzzjoni li l-fond in kwistjoni huwa wiehed kummercjali u ghalhekk is-sid ma jistax jitolbu lura ghax ghandu bzonnu. Il-bzonn hu l-kawzali wahdanija f'dan ir-rikors.

Ghalhekk il-Bord jichad it-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontrihom".

## Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti

Ir-rikorrenti appellaw minn din is-sentenza ghax hassewhom aggravati fuq kollox mill-fatt li l-Bord erronjament ikkonkluda li l-fond kien wiehed

kummercjali, u dan essenzjalment ghaliex l-intimat ghandu licenzja sabiex ikollu karozza tal-linja.

L-appellanti jissottomettu pero':

1. Illi l-Bord naqas li jikkonsidra ghal kollox id-deposizzjoni tar-rapprezentant tad-Dipartiment tas-Sigurta' Socjali minn fejn jirrizulta li l-appellat kien boarded out u ma setghax jaghmel ix-xoghol ta' sewqan tal-karozza tal-linja;

2. L-istess appellat kien ammetta li minhabba sahhtu ma setghax jopera ix-xarabank u fid-dawl ta' din l-ammissjoni ma setghax jigi accettat li l-garaxx huwa "il-hanut tax-xoghol" tieghu;

3. Il-fatt li x-xarabank huwa licenzjat fuq persuna partikolari ma kienx ifisser illi dan kien qed jintuza minn dik il-persuna li fuqu kien licenzjat. Hu nfatti risaput li mhux kull min ikollu vettura registrata fuqu jkun hu stess li juza dik il-vettura jew jaghmel negozju biha; u

4. Finalment l-appellant jissottometti li l-garaxx in kwistjoni ma kienx accessorju principali biex persuna tezercita x-xoghol ta' xufier ta' xarabank u ma kienx sostenibbli l-argument tal-Bord illi "ghax m'huwiex

soltu li karozzi tal-linja jithallew barra meta ma jkunux fuq il-venda", allura l-garaxx kien xi accessorju principali ghal dak in-negozju.

Dan hu l-aggravju kif propost fir-rikors ta' l-appell. Aggravju li, in effetti, jeludi ghal kollox il-kwistjoni principali trattata fil-motivazzjoni tas-sentenza appellata, dik cioe' jekk garaxx mikri biex fih tigi garaxxjata karozza tal-linja - kwalita' ta' vettura forsi wkoll differenti minn semplici xarabank – setghax jigi kwalifikat bhala hanut fit-termini tad-definizzjoni ta' l-artikolu 2 tal-Kap 69.

Din il-kwistjoni hi pero' mill-gdid sottomessa ghall-attenzjoni tal-Qorti fin-nota ta' l-osservazzjonjiet ta' l-appellanti li biha huma jikkontestaw il-konkluzzjoni tal-Bord meta laqa' it-tieni eccezzjoni ta' l-intimat illi l-garaxx kien "il-hanut tan-negozju tieghu". Huma jsostnu li l-garaxx fejn tinzamm xarabank ma jinkwadra ruhu mkien fid-definizzjoni ta' hanut moghtija fl-artikolu appena msemmi, li testwalment hekk jipprovdi:-

> "Il-kelma "hanut" tfisser fond mikri principalment ghall-bejgh ta' oggetti jew merkanzija bl-ingrossa jew bl-imnut, posta is-suq, mahzen u fond b'licenzja ghall-bejgh ta' mbejjed u spirti, jew hwejjeg ta' l-ikel jew ta' xorb, sala ta' cine jew fond iehor principalment uzat ghal xi arti jew sengha jew bhala kazin".

Din il-Qorti ser tiddisponi l-ewwel minn dan l-aspett tal-vertenza proprju ghaliex jekk jirrizulta illi l-garaxx de quo kien jikkwalifika bhala "hanut" fit-termini tad-definizzjoni moghtija bl-artikolu 2 tal-Kap 69, dan wahdu

kien ikun bizzejjed biex l-intimat appellat jirrezisti t-talba tas-sid ghar-ripresa tal-fond. Hu stabbilit bhala fatt illi kemm l-appellat, kif ukoll l-awtur tieghu, kienu u ghadhom juzaw il-garaxx biex fih jiggaraxxjaw il-karozza tal-linja li kienet debitament licenzjata u ghadha tipprovdi servizz bhala parti mis-sistenza ta' trasport pubbliku. Hu pruvat ukoll illi l-appellat hu “self-employed” u jaqla’ l-ghixien tieghu propju billi jipprovdi dan is-servizz, kif ukoll hu ibnu li prezentement qieghed jahdem bil-karozza tal-linja proprjeta’ ta’ l-appellat, propju ghaliex dan ta’ l-ahhar ma setghax hekk jaghmel ghal ragunijiet ta’ sahha.

Din il-Qorti hi konxja mill-fatt illi tezisti gurisprudenza, anke jekk mhux univoka, li tirritjeni li l-fatt biss li garaxx ikun uzat biex fih titqieghed xarabank ma kienx daqshekk biss jintitolah ghall-protezzjoni tal-ligi specjali tal-kera. Il-gurisprudenza hi fil-fatt kontrastanti fir-rigward tad-definizzjoni tal-kelma “hanut” u minnha jemergu certu kontradizzjonjiet mhux dejjem facilment spjegabbli. Dan b’konsegwenza ghall-fatt illi l-gudikant ikun kondizzjonat kultant b’interpretazzjoni tal-ligi mill-fatti partikolari tal-kaz taht ezami, b’mod li jintilef il-veru sinifikat taghha, u r-ratio legis jigi allura sfukat.

Fil-fehma ta’ din il-Qorti t-terminu “hanut” kellu qabel xejn ikun rifless fid-destinazzoni tal-fond bhala wiehed li fih kellha tigi ezercitata l-attivita’ kummercjali, l-arti u s-sengha, ossia attivita kompriza fid-definizzjoni

propja li taghtih il-ligi. Il-ligi ma kienetx tillimita dik l-attivita' ghal wahda purament u merament kummercjali fis-sens ordinarju u tradizzjonali tal-kelma "hanut", imma wkoll fis-sens aktar ricerkat taghha bhala lok fejn jigu ezercitati xi arti jew sengha. B'dawn it-termini, "arti" jew "sengha" l-legislatur ried ikopri kull xorta ta' attivita' ekonomika tal-bniedem li setghet titqies li kienet mezz ta' ghixien tieghu jew li tirrendilu qliegh jew profitt u hi f'din id-direzzjoni li tendiet bl-interpretazzjoni ricenti ta' l-art. 2. Hekk allura gustament it-terminu "hanut" gie estiz minn dak is-sinifikat tradizzjonali ta' xiri u bejgh ta' oggetti ghal dak anqas ovvju tal-prestazzjoni ta' servizzi, kemm dawk bl-opra ta' l-idejn kif ukoll bl-opra tal-mohh. It-terminu "negozju" gie allura ifisser mhux biss l-operazzonijiet kummercjali li l-kelma ordinarjament kienet konsidrata li tfisser imma wkoll dawk l-operazzjonijiet l-ohrajn kollha ta' l-attivita' tal-bniedem illi jimporta l-ghoti ta' servizz kontra pagament ta' kull indole u natura.

Tenut kont ta' din l-interpretazzjoni li ghal din il-Qorti hi dik gusta u korretta, wiehed ma jarax x'kienet id-differenza bejn l-ghoti ta' servizz ta' karozzi ghall-garr tal-mejtin minn wiehed ta' servizz tal-garr tal-hajjin, u ghaliex il-garaxxjar ta' l-ewwel jitqies mill-gurisprudenza bhala lok li kien hanut ghax kien il-bazi ta' l-attivita' tal-kerrej, waqt li mhux l-istess dejjem tqis it-tieni.

Din il-Qorti wkoll ma tistax ma tikkunsidrax illi kien difficilment prevedibbli llum li wiehed jiggestixxi karozza tal-linja debitament licenzjata ghal dan l-iskop minghajr ma jkollu garaxx fejn jista' jqeghda mhux biss biex jipprotegiha meta ma tkunx fuq il-venda, imma wkoll biex jaghmlilha l-manutenzjoni mehtiega u jirrendiha utilizzabbli ghall-kumdita' tal-passggieri. Apparti l-valur ekonomiku kbir tal-vettura licenzjata nfisha hu ferm improbabbli li wiehed jottjeni licenzja sakemm ma jkunx jissodisfa l-kondizzjoni li tkun adegwatament garaxxjata. Ma jidhirx li kien permess illi vetturi ta' din ix-xorta jithallew parkeggjati fit-toroq pubblici.

Il-Qorti allura tirravviza accessorjeta' necessarja bejn uzu tal-garaxx u "in-negozju" ta' l-ghoti tas-servizz kontra hlas li l-appellat kien jirrendi permezz tal-vettura li ma setghetx ma tkunx provduta facilita' ta' garaxx. Din il-Qorti hi wkoll sodisfatta li mill-provi jirizulta li d-destinazzjoni tal-fond kienet sa mill-bidu dik biex fil-garaxx tigi mqeghda vettura utilizzata bhala karozza tal-linja. Dan jirrizulta mhux biss mill-kobor tal-fond innifsu, imma wkoll mill-fatt inkontestat illi x-xoghol li bih l-inkwilin kien jaqla l-ghixien tieghu kien propju dak li jsuq il-karozza tal-linja tieghu. Vettura li kienet, u ghadha, propjeta' tieghu, anke jekk illum minhabba sahhtu qeghdha tigi misjuqa minn ibnu. Dan il-fatt wahdu pero' bl-ebda mod ma jfisser illi l-fond tilef il-protezzjoni li l-Bord jirravviza li kien jimmerita fit-termini ta' l-art. 2 ta' l-Att 69 inkwantu kien

jikkwalifika bhala “hanut” ghall-finijiet tal-ligi. Il-fatt li min jiggestixxi “hanut” fit-terminu wiesgha tal-kelma, kien jehtieglu li hekk jaghmel permezz ta’ servizz ta’ haddiehor, aktar jekk dan ikun propju ibnu, bl-ebda mod ma seta’ jinghad li kien jippregudika la l-jedd tal-kirja u lanqas il-kwalita’ tal-fond lokat sakemm dan jibqa’ jigi utilizzat ghad-destinazzjoni originali li ghalih kien inkera.

Din il-Qorti allura tasal ghall-konvinciment illi s-sentenza appellata kienet gusta u ben motivata fil-ligi.

Ghal dawn il-motivi l-appell qed jigi michud u s-sentenza appellata konfermata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-appellanti.

Dep/Reg

mm